

**IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK**

# STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA

## ANTIK TESTMENT

### EZAW U GAKOBB

Izakk u martu Rebekka talbu lil Alla biex jaghtihom it-tfal ghax ulied ma kellhomx.  Alla sema' talbhom u tahom tewmin. Lill- wiehed semmew Ezaw u lil iehor Gakobb.



Meta kibru Ezaw gibed lejn is-sengha ta' kaccatur u kien jghaddi hafna zmien fil-berah. Huh Gakobb kien bniedem gwejjed u kien jghaddi hafna zhim fit-tined. Izakk kien ihobb lil Ezaw ghax dan kien igib hafna annimali ghal ikel fid-dar, filwat li Rebekka aktar kienet iggib lil Gakobb.

Jum wiehed meta Gakobb kien qed jipprepara ftit minestra, huh Ezaw gie mill-ghelieqi u hass fuqu guh kbir; Ezaw qal lil huh: " Hallini niekol ftit minn dak l-ikel hamrani ghaliex ghandi guh kbir."



# IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

Imma Gakobb qallu: " L-ewwel cedili l-primogenitura."

Wiegbu Ezaw: " Arani bhalissa mejjet bil-guh. X'tiswieli l-primogenitura ?"

Gakobb mill-gdid qallu : " L-ewwel weghdni sollenement li taghtihieli."

Ezaw ghamel kif qallu huh Gakobb u tah solenement il-primogenitura.

Gakobb tah li ried u wara li kiel Ezaw telaq 'l barra. Ezaw kien ta lil huh Gakobb il-primogenitura.

Meta Izakk kiber u xjieh u ghajnejh ma baqghux jaraw, sejjah lil ibnu Ezaw u qallu: " Ibni."

"Hawn jien missier."

"Ara ibni, issa xjeht sewwa u ma nafx kemm fadalli hajja. Ghalhekk hu il-qaws u l-vleggeg u mur gibli ftit tal-kacca biex isajjarilhi kif inhobbha jiena. Wara li niekolha naghtik il-barka tal-primogenitura qabel ma naghlaq ghajnejja ghal dejjem."

Inzerta li Rebekka kienet qed tisma' dan kollu u meta hareg Ezaw ghall-kacca sejhet lil Gakobb u qaltu b'dak li semghet. "Ara ibni mur il-merhla u ghazel zewg gidien sbieh, imbaghad jiena insajjarhom kif ihobb missierek. Hudhom lil missierek biex wara li jiekol huwa jaghtik il-barka tieghu."

"Jekk forsi nghaddiha fl-ikel zgur li jaqbadni meta jigi biex ihossni u hekk jiena nqarraq bih. Flok barka imbaghad jaghtini sahta," wegibha Gakobb.

"Niehu l-htija jiena," qaltlu ommu. "Mur aghmel kif ghidtlek u halli kollox f'idejja. Immexxik jiena."

Rebekka sajritlu l-ilka kif kien ihobbha zewgha; marret u gabet l-isbah ilbies ta' binha Ezaw li kellha fit-tinda taghha u xiddithom lil binha Gakobb. Imbaghad qeghditlu l-glud fuq idejh u ghonqu u tatu il-platt bl-ikel biex jiehdu il missieru.



## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK



" Missier", qallu Gakobb.

"Min int?'" staqsa Izakk.

"Jiena ibnek Ezaw," irrisponda lura Gakobb, " jiena ibnek il-kbir. Ghamilt kif ghidtli. Hawn ha ibda kul. Biex wara tkun tista' tberikni."

"Malajr gejt mill-kacca."

"Iva ghax il-Mulej kien mieghi u sibt il-priza mill-ewwel."

"Ejja 'l hawn, ibni sabiex inhossok u nkun cert li inti Ezaw."

Gakobb qorob lejn missieru u u dan beda jhossu. "Il-vuci hija ta' Gakobb imma l-idejn huma ta' Ezaw. Tassew inti Ezaw?'" staqsa il-missier.

"Iva," wiegeb Gakobb. U hawn Izakk tah il-barka. Imbaghad Gakobb ressaqlu l-ikel u Izakk kiel u xorob l-inbid.

Missieru Isakk imbaghad talab lil ibnu jersaq lejh, " Ersaq lejja u tini bewsa." Hekk kif resaq hedejh u biesu, Izakk xamm ir-riha ta' l-ilbies tieghu u tah il-barka ghal darba ohra.

Hekk kif Gakobb ha l-barka ta' missieru u kien ser jhalli lil missieru Ezaw dahalmill-kacca. Sajjar ikla kif kien ihobb missieru u hadiehlu. "Hawn missier ibda kul biex taghtini l-barka tieghek. Misieru qallu: "Min int?"

"Jiena Ezaw, missier".



## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

"Mela min kien dak li lilu tajt il-barka ftit qabel?  Ikun imbierek ukoll."

Meta Ezaw sema' dawn il-kliem ghajjat b'lehen ta' niket u qal"  Missier bierek lili wkoll."

Imma Isakk qallu: "Huk qarrak bija u hadlek il-barka."

Qallu Ezaw: " Imma allura ma hemmx xi barka ghalija?"

Wiegbu Isakk: " Huk hadlek kollox. Ara jien qeghedtu sidek u qeghedtlu 'l hutu kollha qaddejja tieghu, u ghanejtu b'qamh u nbid."

Minn dak il-hin Esaw beda' jobghod lil huh. U omm Gakobb sejhet lil binha Gakokk u qaltlu biex jahrab u jmur joqghod ghand huha Laban sakemm Esaw tghaddilu s-sahna tal-mibgheda.

Wiegeb dawn il-mistoqsijiet

1.Min kien l-akbar mit-twemin?
2. X'kienu hobbu jaghmlu dawn iz-zewgt ahwa?
3. Ghaliex Ezaw biegh il-primogenitura lil huh Gakobb?
4. Kif biddel lilu niffsu Gakobb?
5. Ghaliex Gakobb kellu jhalli lil ommu u lil missieru?